*- ORDNI TA' ZGUMBRAMENT TAHT IL-KAP 228 -*
*- VALIDITA` TAL-ISTESS –*
*- REKWIZITI AD VALIDITATEM -*
*- ART (2) U (3) TAL-KAP 228 -*
*- ATT DWAR ZGUMBRAMENT MILL-ARTIJIET -*
*- UBI VOLUIT DIXIT -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Novembru 2001**

**Kawza Numru: 24**
**Citazzjoni Numru: 682/94/RCP**

**Michael Ciappara bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Lukanda Limited**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur ircieva Dokument mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet fejn jinghad illi "*bis-sahha ta' din l-ordni qed jigi moghti sebat ijiem minn notifika tal-prezenti biex tivvaka bicca art propjeta tal-Gvern fil-Qawra murija bil-kulur ahmar u blu fuq pjanta annessa LD/34/94 (DoK.A) fuq liema art intom ghamiltu diversi xogholijiet"*;

Illi din l-ordni hija nulla u invalida fil-ligi minhabba diversi ragunijiet fosthom (a) li ma tispecifikax l-artikolu tal-ligi li in forza tieghu qed jintalab dan l-izgumbrament: (b) li subordinatament u minghajr pregudizzju l-att tal-1972 kwotat jirrikjedi li qabel ma l-konvenut johrog ordni ta' zgumbrament huwa irid jiddikjara li fil-fehma tieghu dan huwa mehtieg jew li huwa spedjenti li jsir dan, dikjarazzjoni li baqghet ma saritx f'din l-ordni;

Illi di piu' din l-ordni hija nulla u invalida fil-ligi ghaliex tali ordni tista' tohrog biss meta persuna tkun qed tokkupa bicca art jew b''*encroachment*" jew inkella minghajr ebda titolu validu fil-ligi - haga li la hija pruvata u lanqas biss dikjarata li hekk fl-ordni gia msemmija;

Illi din l-ordni hija ukoll proceduralment difettuza ghaliex skond l-att tal-1972 vantat tali ordni tista' tohrog ghall-

izgumbrament kemm tal-persuna kif ukoll tal-oggetti mobbli f'daqqa fuq l-istess art - u dan mhux ghall-izgumbrament tal-persuna u mhux dak tal-oggetti - u dan huwa ovvju ghaliex jekk persuna tigi ordnata tizgombra minghajr ma jkun hemm l-ordni ta' zgumbrament tal-oggetti proprjeta taghha ikun qed isir ksur car tad-dritt fondamentali ta' proprjeta tal-esponent:

Illi dawn il-mankanzi serji fis-suppozita ordni ta' zgumbrament (Dok A.) jivvjolaw il-principju assjomatiku ta' Gustizzja Naturali *audi et alteram partem* u ghalhekk jwasslu ghan-nullita tal-imsemmija ordni;

L-istess attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

(1) Tiddikjara li l-ordni li l-istess konvenut ippretenda li hareg u baghat lill-attur nomine (Dok.A) hija nulla, invalida u bla effett fil-ligi peress li ma tikkonformax mar-rekwiziti tal-**Att Dwar Zgumbrament minn Artijiet - Kapitolu 228** tal-ligijiet;

(2) Tinibixxi lill-konvenut milli b'xi mod jidhol jew jaghti struzzjonijiet biex xi persuna jidhol f'dik il-parti mill-art imsemmija fid-Dokument "A" okkupata mill-attur nomine jekk mhux wara li tigi mahruga ordni mill-gdid li tkun konformi mar-rekwiziti tal-**Att Dwar Zgumbrament minn Artijiet - Kapitolu 228** tal-ligijiet;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 7 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Art a fol 11 tal-process tat-2 ta' Gunju 1994 fejn gie eccepit:

1) Illi l-formalitajiet pretizi mill-attur nomine mhumiex rikjesti mill-ligi *"ad substantiam validitatem".*

2) Illi huwa ovvju li la darba l-esponent hareg l-ordni in kwistjoni tiskatta l-presunzjoni legali li l-attur nomine qed jokkupa l-art in kwistjoni minqhajr ebda titolu validu fil-ligi (di fatti, issir referenza wkoll ghall-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 967/94 u 643/94 fl-istess ismijiet).

3) Illi huwa ovvju wkoll li l-ordni lill-attur nomine tiftiehem kemm ghalih fil-vesti tieghu kif ukoll ghall-effetti mobiljari.

4) Illi mir-raba' premessa tac-citazzjoni odjerna, implicitament l-attur nomine jammetti li *"dato non concesso"* li l-ordni ta' zgumbrament mhiex proceduralment valida, fl-ipotesi tal-validita' procedurali tal-istess, huwa lest li jottempora ruhu ma' dik l-ordni.

5) Illi c-citazzjoni odjerna hija mirata “*alio intuito”* biex tistultifika l-mizuri urgenti u legittimi tal-esponent.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kummissarju tal-Art u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tal-24 ta’ Ottubru 1994 u tal-1 ta’ Frar 1995.

Rat in-nota ta’ Michael Ciappara tal-1 ta’ Frar 1995 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 17 sa 25 tal-process).

Rat il-verbali tal-21 ta’ Gunju 1995 fejn Dr Cassar iddikjara li m’ghandux provi aktar, tas-7 ta’ Frar 1996 fejn xehed in kontro-ezami l-attur nomine u Dr Cassar iddikjara li m’ghandux aktar provi, tad-19 ta’ Gunju 1996 fejn xehed il-konvenut, tad-29 ta’ Jannar 1997 fejn kompla jixhed il-konvenut.

Rat il-protest tal-Kummissarju tal-Art tal-25 ta’ Jannar 1990 u d-dokumenti hemm esebiti (fol 41 sa 44 tal-process).

Rat il-verbali tal-25 ta’ Gunju 1997 fejn xehed il-konvenut, tal-4 ta’ Frar 1998 fejn xehed in kontro-ezami l-konvenut.

Rat in-nota tal-4 ta’ Frar 1998 tal-attur fejn gew prezentati zewg pjanti (fol 62 u 63).

Rat il-verbali tad-29 ta' Mejju 1998, tal-20 ta' Jannar 1999 fejn kompla jixhed Adriano Gouder in kontro-ezami, tat-13 ta' Ottubru 1999 fejn Dr Scerri Debono iddikjarat li m'ghandiex provi aktar, tat-3 ta' Mejju 2000, tal-4 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-2 ta' Novembru 2000 fejn Dr Cassar talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet, il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-15 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tal-15 ta' Marzu 2001 fejn peress li ma gewx prezentati n-noti ta' osservazzjonijiet il-kawza giet differita ghall-prezentata tal-istess u ghall-finali trattazzjoni ghat-12 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur nomine tal-20 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tat-12 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti preffiggiet terminu ta' 30 jum ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet mill-konvenut u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. AZZJONI ATTRICI

Illi din il-kawza qed issir stante li s-socjeta' attrici qed titlob li l-ordni tal-konvenut moghtija lis-socjeta' attrici abbazi tal-**artikolu 3 tal-Kap 228** bin-numru L.370/93 tigi ddikjarata bhala nulla u bla effett peress li ma tikkonfermax mar-rekwiziti tal-**Att Dwar Zgumbrament minn Artijiet** peress li:-

(a) Li ma tispecifikax l-artikolu tal-ligi li in forza tieghu qed jintalab tali zgumbrament.

(b) Illi qabel l-istess ordni l-istess konvenut ma ddikjarax li fil-fehma tieghu dan huwa mehtieg jew spedjenti li jsir.

(c) Illi tali ordni ma setghetx tohrog stante li ma giex dikjarat, u wisq inqas pruvat li s-socjeta' attrici qed tokkupa l-istess art bla ebda titolu jew b'*encroachment.*

(d) Illi ma inghadx fl-istess ordni jekk l-istess tirreferiex ghal zgumbrament tal-persuna biss jew ukoll ghall-mobbli, stante li s-socjeta' attrici ghandha wkoll l-proprjeta' taghha fuq l-istess art.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fis-sens li tali dettalji indikati fic-citazzjoni attrici ma humiex mehtiega ghall-validita' tal-istess ordni, u li implicitament l-attur nomine

qed jindika li jekk tali ordni hija proceduralment valida, huwa lest li jikkonforma ruhhu mal-istess.

## B. PROVI PRODOTTI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur nomine sostna illi s-socjeta` attrici li kienet iffurmata fin-1988 kienet xtrat il-lukanda Euroclub Hotel u kienet talbet l-art in kwistjoni tigi moghtija lilha b'cens jew bejgh mill-Gvern, tant li kienu saru diversi laqghat mal-Kummissarju tal-Artijiet rappresentanti tal-istess u dak iz-zmien is-Segretarju Parlamentari Dr Stanley Zammit.

Pero` t-talba tieghu ma kienitx giet milqugha minkejja li skond Michael Ciappara zewg lukandi ohra gew moghtija direttament zewg bicciet artijiet kbar mill-konvenut odjern bla ebda sejha ghall-offerti.

Illi l-istess xhud kompla jghid fl-affidavit tieghu tas-26 ta' Jannar 1995 illi fuq l-istess art harget sejha ghall-offerti f'April tan-1994 u ghalkemm is-socjeta` attrici talbet li tinghata dritt ta' *First Refusal* dan ukoll ma nghatax lilha. Fil-fatt din l-art harget maqsuma fi tnejn u s-socjeta` attrici kienet ghamlet l-offerta taghha ghaliha ghaliex l-iskop taghha kien dejjem li l-istess art tintuza ghall-skopijiet turistici u tigi annessa mal-lukanda taghhom, izda l-istess art kienet giet moghtija lill-certu Anglu Zahra sabiex itella' blokk ta' appartamenti ta' sitt sulari.  Illi fl-ahhar nett l-istess

xhud sostna li l-operazzjoni sabiex jitwaqqa c-cint li jdawwar l-istess art in kwistjoni kienet giet immexxija mill-Kummissarju tal-Artijiet personalment dak iz-zmien is-Sur Gouder u bil-konsegwenza tat-twaqqiegh tal-istess cint il-lukanda giet esposta tant li sar sgass u serq matul il-lejl segwenti.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 1996 l-istess attur kompla jghid li l-art in kwistjoni ma hijiex proprejta` tieghu izda kienet tal-Gvern u fiha gieli zamm xi attivitajiet konnessi mal-istess lukanda u kien ghalhekk li ntalab li huwa jixtri l-istess art.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Gunju 1996 il-konvenut, il-Kummissarju tal-Artijiet ikkonferma li l-ordni esebita a fol 6 tal-process hija kopja fotostatika tal-ordni li huwa hareg u ffirma ghall-art in kwistjoni u li r-ritratti esebiti mill-attur juru ambjenti formanti parti mill-art in kwistjoni.

Illi l-istess xhud ikkonferma fil-25 ta' Frar 1990, id-Dipartiment tal-Lands kien diga kiteb permezz ta' Protest Gudizzjarju (25 ta' Jannar 1990, Dok FGC1 – fol 41) lis-socjeta` attrici sabiex tivvaka mill-istess art stante li kienet okkupata minnha bla ebda titolu legali, u dan kien fi zmien meta l-attur ma kienx ghadu *Manager* jew Direttur tal-istess.  Ghal dan is-socjeta` attrici rrispondiet li ma kienet qed tokkupa ebda art proprjeta` tal-Gvern illegalment.

Illi fl-14 ta' Settembru 1991 (Dok FGC2 - fol 42) l-attur informa lid-Dipartiment li huwa kien akkwista s-socjeta`

Lukanda Limited u talab biex din l-art tigi koncessa lilu b'titolu ta' enfitewsi, liema talba ma gietx milqugha u s-socjeta` attrici giet infurmata b'dan fis-17 ta' Dicembru 1991 (Dok FGC3 – fol 44) flimkien ma nterpellazzjoni sabiex jivvaka minn din l-istess art.

Illi fis-seduta tad-29 ta' Jannar 1997 l-istess konvenut kompla jghid li anke wara l-ahhar ittra l-attur baqa' jitlob lid-Dipartiment sabiex l-art tigi mixtrija minnu taht titolu ta' proprjeta` jew cens izda l-attur qatt ma kien dispost li jixtri l-art bi prezz kummercjali, u ghalhekk hargu offerti ghall-bejgh tal-istess art fit-18 ta' Marzu 1994 taht *Government Notice* 82/94 flimkien ma bicca art ohra, u l-offerenti kellhom ix-xelta li joffru ghall-zewg *plots* separatament jew ghall-art kollha.

Illi fil-25 ta' Marzu 1994 is-socjeta` attrici prezentat rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 643/94 li gie michud u wkoll kien ghamel offerta ghaz-zewg plots u peress li l-prezz kwotat ma kienx wiehed kummercjali tali offerta tas-socjeta` attrici giet rifjutata. Din id-decizjoni finali dwar l-istess offerta inhadet mill-*Contracts Comittee* tad-Dipartiment tal-Kuntratti ghalkemm id-Dipartiment tal-Lands kien irrakkommanda li s-socjeta` attrici ma tinghata l-ebda wahda mit-tenders li tefghat.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju 1997 l-istess konvenut sostna li fid-19 t'April 1994 id-Dipartiment kien baghat protest gudizzjarju datat 19 t'April 1994 lis-socjeta` attrici (Dok

FGC3) sabiex jivvaka mill-istess art, liema protest gie notifikat fis-16 t'April 1994 u wara li s-socjeta` attrici baqghet inadempjenti nharget *Eviction Order* a fol 6 tal-process, liema ordni giet notifikata fit-13 ta' Mejju 1994 kif jirrizulta mir-riferta relattiva esebita bhala Dokument FGC5 a fol 54 tal-process.

Illi wara rifjut ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra tieghu, il-konvenut ta' ordni fl-24 ta' Mejju 1994 (Dok FGC6 fol 55) sabiex jigi esegwit l-izgumbrament permezz tal-istess dipartiment u l-Pulizija u fil-fatt l-izgumbrament sehh fit-8 ta' Novembru 1994, u nonostante it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni iehor is-socjeta` attrici giet effettivament zgumbrata mill-istess art fit-8 ta' Novembru 1994.

Illi fl-ahharnett fis-seduta tat-28 ta' Jannar 1999 Adriano Gouder li f'dak iz-zmien li ta' x-xhieda ma kienx ghadu Kummissarju tal-Artjiet sostna li ghalkemm il-prassi kienet illi d-Dipartiment normalment jinforma lill-offerent li l-offerta tieghu ma kienitx giet accettata f'dan il-kaz is-socjeta` attrici ma gietx infurmata, u dan ghaliex kienu diga ghaddew tlett xhur mill-ipprocessar tal-istess offerti.

## C. APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` attrici m'ghandha ebda dritt kwalunkwe fuq l-art mertu ta' din il-kawza u

oggett ta' l-ordni mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet skond l-Att tan-1972 dwar zgumbrament mill-artijiet, tant li qabel l-istess hrug ta ordni s-socjeta` attrici kienet diversi drabi interpellata kemm permezz ta' ittri legali u kemm permezz ta' protesti gudizzjarji sabiex hija tizgombra mill-istess art wara li baqghet inadempjenti li harget l-ordni in kwistjoni li giet notifikata lis-socjeta` attrici fit-13 ta' Mejju 1994 u wara dan, l-istess Kummissarju tal-Artijiet hareg ordni ohra fis-26 ta' Mejju 1994 lill-Ispettur tal-Pulizija sabiex is-socjeta` attrici tigi zgumbrata mill-istess art u dan sehh effettivament fit-8 ta' Novembru 1994 tant li l-art in kwistjoni giet mahruga ghall-bejgh bl-offerti u nghatat lill-terzi skond l-istess sejha ghall-offerti wara decizjoni tal-*Contracts Committee* tad-Direttur tal-Kuntratti.

Illi minn dan kollu jirrizulta li s-socjeta` attrici m'ghandha ebda dritt jew pretensjoni fuq l-istess art u dan ma huwiex kontestat mill-istess socjeta` attrici, anzi fl-opinjoni tal-Qorti bid-diversi talbiet minnha maghmula lill-konvenut sabiex tixtri l-istess art dan il-fatt huwa addirittura ammess mill-istess socjeta` attrici.

Illi minn dan kollu jidher li l-Kummissarju tal-Artijiet kien qed jagixxi sabiex jipprotegi d-dritt tal-Gvern fuq l-istess art kontra s-socjeta` attrici li kienet illegalment qed tokkupa l-istess art u baqghet tinsisti li tokkupaha minkejja diversi nterpellazzjonijiet sabiex tizgombra mill-istess.

Illi dwar il-mertu tal-kawza odjerna jirrizulta li l-premessi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Gie allegat mis-socjeta` attrici li tali ordni mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet u li tinsab esebita a fol 6 tal-process hija nulla stante li ma ccitatx l-artikolu li abbazi tieghu qed jintalab l-istess zgumbrament.

Illi l-**artikolu 3 (i) tal-Kap 228** jipprovdi illi:

*"(1) Il-Kummissarju, jekk fil-fehma tieghu jkun hekk mehtieg jew spedjent li jaghmel, jista' fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jordna l-izgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna minghajr ebda titolu jew li tkun moghtija b'encroachment u t-tnehhija minn hemm ta' kull oggetti mobbli, fi zmien specifikat li jinghata fl-ordni u jista' ghal dak il-ghan jaghti dawk id-direttivi li fil-fehma tieghu jkunu mehtiega biex kull ordni bhal dak jigi ezegwit bl-anqas dewmien possibbli."*

Illi mill-istess disposizzjoni jidher car li ma huwiex mehtieg illi jigi specifikat l-artikolu tal-ligi in kwistjoni ghalkemm jinghad ukoll li jidher car mill-istess ordni li din saret skond u abbazi tal-Kapitolu 228; infatti l-istess ordni hija ntitolata "ORDNI MAHRUGA MILL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET SKOND L-ATT TAN-1972 DWAR ZGUMBRAMENT MINN ARTIJIET". Aktar car minn hekk l-istess ordni ma setghatx tkun u dan aktar u aktar fl-isfond ta' dak provdut fl-artikolu 2 tal-istess ligi fejn

"ordni" hija ndikata li "tfisser ordni bil-miktub moghti mill-Kummissarju".

(b) Illi t-tieni lamentela tas-socjeta` attrici hija li fl-istess ordni m'hemmx dikjarazzjoni esplicita li fil-fehma tal-Kummissarju dan l-izgumbrament huwa mehtieg jew li huwa spedjenti li jsir dan.

Illi din il-premessa hija wkoll zbaljata stante li minn ezami tal-istess artikolu (1) fuq citat jidher car li tali ordni tista' tohrog biss jekk "*fil-fehma tal-Kummissarju tal-Artijiet ikun hekk mehtieg jew spedjeti li jaghmel*, *jista' fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jordna l-izgumbrament ... ...*', b'dan ghalhekk li mhux minnu li l-istess ordni ghandha tikkontjeni dikjarazzjon f'dak is-sens fl-ordni nnifisa.

Illi fil-fatt jirrizulta li meta huwa neccessarju li xi dikjarazzjoni tkun kontenuta fl-ordni nnifisa dan jigi specifikat *ad hoc* mill-ligi apposita tant li ghalkemm m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern, l-**artikolu 466 tal-Kap 12** jiddisponi illi f'dak il-kaz hemm kontemplat il-Kap tad-Dipartiment jiddikjara tali htiega tal-procedura hemm indikata; f'dan il-kaz u taht il-**kapitolu 228** tali dikjarazzjoni mill-Kummissarju tal-Artijiet ma hijiex mehtiega, u ghalhekk l-istess dikjarazzjoni ma hijiex mehtiega *ad validitatem* ghall-hrug tal-istess ordni. Dan huwa in konformita mal-principju *ubi voluit dixit* u cioe` fejn il-ligi kienet tirrikjedi li ssir tali dikjarazzjoni din espressament provdietu w allura

fejn tali rekwizit ma giex esplicitament indikat isegwi li ma huwiex mehtieg ghall-hrug tal-istess ordni.

(c) Illi it-tielet lamentela hija li tali ordni ma setghatx tohrog ghaliex ma giex ippruvat li tali bicca art kienet qed tigi okkupata mis-socjeta` attrici taht *encroachment* jew inkella bla titolu.

Illi din l-oggezzjoni wkoll m'ghandha ebda fundament legali u guridiku peress li jirrizulta car u ad dirittura ammess mis-socjeta` attrici li hija ma kellha ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess art tant li dan il-fatt fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma gie kkontestat mis-socjeta` attrici, lanqas qabel il-hrug tal-istess ordni tant li *ex admissis* is-socjeta` attrici kemm-il darba talbet lill-Gvern u lill-istess Dipartiment tal-artijiet sabiex hija tixtri l-istess art. Fil-fatt mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-ilment principali tas-socjeta` attrici kien ibbazat fuq il-lament li l-Gvern ma ghaddiliex l-istess art b'titolu ta' proprjeta` jew cens taht *direct order* jew inkella bi dritt tal-*first refusal* u xejn aktar. Fi kliem iehor is-socjeta` attrici nnifisa qatt ma vantat ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess art u xejn f'din il-kawza ma wera li l-posizzjoni tbidlet b'xi mod.

(d) Illi l-ahhar ilment tas-socjeta` attrici huwa li l-istess ordni ma specifikatx jekk l-izgumbrament kienx dirett ghall-persuna u jew l-oggetti li kienu jinsabu fuq l-istess art. Illi anke dan l-aggravju huwa bla ebda fondament guridiku stante li tali ordni mahruga skond l-**artikolu 3 tal-Kap 228**

hija dejjem intiza kemm ghall-persuna u ghat-tnehhija minn hemm ta' kull oggetti mobbli, u taghti wkoll il-fakolta li l-istess Kummissarju tal-Artijiet sabiex jaghti dawk id-direttivi kollha sabiex l-istess ordni tigi esegwita bl-inqas dewmien possibbli.

Illi abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut**, tichad it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru 2001**